**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR NATASHA GALEA SCIBERRAS**

Kawża Numru: 248/15

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**

**vs**

**Adam Vella**
**(ID 122383M)**

Illum, 27 ta' Settembru 2019

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Adam Vella** ta' 32 sena, iben Rita Vella, imwieled il-Pieta` fit-2 ta' Frar 1983 u residenti Block B, Flat 5, Triq Pietro Floriani, Floriana, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 122383(M);

Akkużat talli fis-7 ta' Frar 2015 u f'dawn l-aħħar snin, fil-Marsa u/jew f'bnadi oħra ġewwa dawn il-Gżejjer:

Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizżazjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xorta oħra awtorizżat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex dan il-każ jinstema' u jiġi deċiż minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat ukoll illi l-imputat wieġeb li m'huwiex ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruħha għall-provi prodotti, u t-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi in sostenn tal-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat:

1. Ix-xhieda ta' **PC 899 Jean Paul Vella** li jgħid illi nhar is-7 ta' Frar 2015, għall-ħabta tal-11.00am, hu u l-kollega tiegħu PC 626 raw vettura tal-għamla Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni GAT 759 fi Triq it-Tromba, l-Marsa, bi tliet persuni fiha, meta l-istess vettura saqet xi ftit bis-saħħa x'ħin dawn lemħu lill-pulizija. Għal din ir-raġuni, x-xhud u PC 626 saqu wara l-istess vettura u mill-bogħod, ix-xhud lemaħ persuna ħierġa mill-vettura, tpoġġi xi ħaġa fil-

ħaxix, liema persuna sussegwentement ġiet identifikata bħala Isaac Schembri [minn xhieda sussegwenti jirriżulta illi din il-persuna kienet Isaac Scerri mhux Schembri]. Jgħid illi l-vettura kienet qed tinstaq mill-imputat odjern u li apparti Schembri, li kien passiġġier fuq quddiem, kien hemm passiġġier fuq wara, ċertu Kyle Spagnol. Jispjega illi huwa mar ifittex mill-ewwel fil-ħaxix, fejn sab borża trasparenti li kien fiha diversi boroż bi trab abjad u għalhekk il-persuni kollha ġew arrestati. Jgħid illi Isaac Schembri, skont ix-xhud, tifel, infaqa' jibki u qal illi kien l-imputat li kien qallu biex ipoġġiha fil-ħaxix, liema verzjoni kienet ikkonfermata wkoll minn Kyle Spagnol;[1]

2. Ix-xhieda ta' **PC 626 Giancarlo Bennetti** li jikkonferma dak li xehed il-kollega tiegħu u jgħid illi l-vettura in kwistjoni ġiet innutata minnu u mill-kollega tiegħu waqt ronda;[2]

3. Ix-xhieda ta' **Isaac Scerri** li jgħid illi dakinhar, flimkien ma' Kyle Spagnol, kienu qegħdin il-maħżen tal-karnival ħdejn is-Soldini, l-Marsa, meta mar ħdejhom l-imputat. Spagnol issuġġerixxa li jmorru jieħdu *toast*, marru l-Ħandaq u wara marru jaraw il-karrijiet tal-karnival ħdejn ix-*Ship Building*. Hekk kif telqu minn hemm, waqqfu l-Marsa u huwa ra lill-imputat jitfa' xi ħaġa mit-tieqa tal-vettura li, madanakollu, ma kienx jaf jgħid x'kienet;[3]

4. Ix-xhieda tal-**Ispettur Gabriel Micallef** li spjega dak li kien ġie rrappurtat lilu minn PC 899 u PC 626 u li t-tliet persuni li kienu fil-vettura lkoll kienu rrilaxxjaw stqarrija. Jgħid illi l-verżjonijiet ta' Scerri u Spagnol, dwar dak li kien ġara, kienu jaqblu perfettament, kif kienet taqbel ukoll dik tal-imputat, b'dan illi l-imputat imbagħad qal ukoll minn fejn kien ġab id-droga. L-Ispettur Micallef esebixxa l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat dakinhar stess[4], kif ukoll is-sustanza li ġiet elevata;[5]

5. Ix-xhieda ta' **Kyle Spagnol** li jikkonferma dak li xehed Isaac Scerri u jżid jgħid illi meta kienu x-*Ship Building*, Scerri u hu marru jaraw il-karrijiet iżda ma kienx jaf fejn mar l-imputat. Jgħid illi huma u sejrin lura l-maħżen, marru warajhom il-pulizija u f'dak il-waqt, l-imputat rema xi ħaġa mit-tieqa tal-passiġġier, għalkemm ma kienx jaf din x'kienet. Jgħid ukoll illi mbagħad

---

[1] Ara din ix-xhieda a fol. 6 sa 10 tal-proċess.
[2] A fol. 11 sa 18 tal-proċess.
[3] A fol. 19 sa 25 tal-proċess.
[4] Din tinsab esebita a fol. 35 tal-proċess.
[5] Ara din ix-xhieda a fol. 26 sa 28 tal-proċess.

Scerri ħareġ mill-vettura u ressaq jew tefa' dan l-oġġett, skont hu xi borża, mal-ġenb;[6]

6. Ix-xhieda u r-relazzjoni tax-**Xjenzat Godwin Sammut**, maħtur bħala espert f'dawn il-proċeduri sabiex janalizza s-sustanza esebita mill-Uffiċjal Prosekutur, mil-liema relazzjoni jirriżulta illi huwa ngħata *envelope* kontenenti borża tal-plastik trasparenti, li kien fiha: i) 7 qratas tal-plastik trasparenti li kien fihom trab ta' lewn abjad u; ii) karta bil-kliem Data: 07/02/15 Ħin: 11.30am Elevat/i minn ____ fil-preżenza ta' Adam Vella minn PC 899, PC 626.

   Illi l-imsemmi espert ikkonkluda illi fuq estratt meħuda mit-trab ta' lewn abjad li hemm fid-dokument fuq indikat, instabet is-sustanza kokaina. Il-piż tat-trab kien ta' 34.76 grammi u l-purita` kienet ta' ċirka 15%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

   In oltre jirriżulta wkoll mill-istess relazzjoni illi s-seba' qratas tal-plastik bis-sustanza kokaina kellhom is-segwenti piż rispettivament: 4.99 grammi, 4.93 grammi, 4.97 grammi, 5.04 grammi, 4.97 grammi, 4.95 grammi u 4.91 grammi.

Illi da parti tiegħu, l-imputat **Adam Vella** għażel li jixhed f'dawn il-proċeduri. Huwa kkonferma l-istqarrija rilaxxjata minnu nhar is-7 ta' Frar 2015 bil-ġurament tiegħu. F'din l-istqarrija, huwa jgħid illi fil-jum in kwistjoni, huwa mar il-maħżen tal-karnival, fejn sab lil Scerri u lil Spagnol u ħadmu flimkien fuq il-karru. Qabadhom il-ġuħ, niżlu l-Ħandaq għal *toast* u wara marru fit-tinda tax-*Ship Building* biex jaraw il-karrijiet kompetituri. Jgħid illi ħin minnhom huwa allarga sabiex jaqdi l-bżonnijiet tiegħu, mar ma' travu tat-tinda, ra l-borża in kwistjoni wara t-travu u ġabarha. Tefagħha fil-karozza mingħajr ma qal xejn liż-żewġ ġuvintur li kienu miegħu, u hekk kif kienu qegħdin il-Marsa, ra l-karozza tal-pulizija u għalhekk qal lil Scerri biex jarmiha. Stante illi Scerri baqa' jħares lejh, huwa remiha l-barra mit-tieqa tan-naħa tal-passiġġier. Mistoqsi jekk kienx jaf x'fiha l-borża, huwa jwieġeb hekk: "*kont naf x'fijha, minix tifel zghir, imma ma kontx naf ezatt x'fijha*" u "*Nahseb Kokaina fijha*" u mistoqsi jekk mill-ewwel issusspettax li kien fiha l-kokaina x'ħin ġabarha, huwa wieġeb: "*Iva hekk hsibt, avolja ma kontx cert, dak l-ewwel hsieb li gieni f'mohhi*". Jgħid ukoll illi huwa ma jużax kokaina u użaha darba biss meta kellu

[6] A fol. 37 sa 45 tal-proċess.

16-il sena. Jgħid in oltre illi meta ra lill-pulizija remiha għaliex tfixkel, stante li kien jaf li xi ħaġa ħażina. Mistoqsi allura għalfejn ġabarha, jgħid illi ma kienx jaf u li lanqas ma kien jaf x'ser jagħmel biha. Jgħid illi qatt ma biegħ droga u li ma kellux problemi finanzjarji stante li kellu mpjieg. Ma' dan fix-xhieda tiegħu, iżid jgħid illi x'ħin ra l-borża, l-istint tiegħu tah li jiġborha u tefagħha fil-but, li meta kien żgħir kien ħa linja kokaina, u mistoqsi għal darb'oħra għalfejn ġabarha, jerġa' jgħid "*Vera ma nafx. L-istint qalli igborha u gbartha. Bl-ebda hsieb. Qatt m'ghaddieli hsieb minn mohhi ta' xi bejgh jew nehodha jien. Xejn. Qatt. Lanqas biss nimmaginaha*".

In kontro-eżami, l-imputat jibqa' jsostni illi huwa qatt ma uża kokaina, ħlief fl-okkażżjoni waħda li semma kważi għoxrin sena qabel il-każ, li għalkemm il-borża ma kienx jaf x'fiha eżatt biss basar x'kien fiha u li mill-ewwel basar li kien fiha l-kokaina, li l-istint tah li jiġborha dak il-ħin u li sal-lum għadu ma jafx għaliex ġabarha jew x'kien ser jagħmel biha. Tefagħha fil-but mingħajr ħsieb dwar x'kien ser jagħmel biha u sakemm twaqqaf mill-pulizija, xi għaxar minuti wara, lanqas ħaseb fuqha. Skont hu, fi żmien il-karnival, ikun iffissat biss fuq il-karru. Jiċħad illi huwa kien sejjer x'imkien bid-droga u li kien sejjer jagħtiha lil xi ħadd u jgħid li d-droga la kienet għalih u lanqas għal ħaddieħor.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi fil-każ odjern, l-imputat mhux qed jikkontesta l-pussess tad-droga kokaina fil-jum in kwistjoni – anzi, huwa jammetti li kien fil-pussess tagħha u jgħid fejn u kif sabha u kif x'ħin ra l-vettura tal-pulizija warajh, huwa remiha mit-tieqa tal-vettura. Dwar din l-aħħar ċirkostanza m'hemm l-ebda dubju, fid-dawl tax-xhieda ta' Scerri u ta' Spagnol, iż-żewġ ġuvintur li kienu fil-kumpanija tal-imputat, li jikkonfermaw dan kollu. Dak li qed jikkontesta l-imputat huwa l-aggravanti tal-pussess ossia illi d-droga kokaina fil-pussess tiegħu ma kinitx intiża għall-użu esklussiv tiegħu.

Fil-fatt mill-provi prodotti, m'hemmx dubbju illi l-imputat kien fil-pussess tal-istess droga ossia borża tal-plastik li kienet tikkontjeni sebat iqratas tal-plastik bil-kokaina bħal ma lanqas hemm dubju illi l-imputat kellu x-xjenza li trid il-liġi dwar il-kontenut tal-istess borża, kif jirriżulta evidenti mill-fatt illi l-ewwel reazzjoni tiegħu hekk kif lemaħ il-vettura tal-pulizija, kienet li jżid fil-veloċita` tal-vettura u immedjatament wara illi jarmi l-borża bid-droga mit-tieqa tal-passiġġier.

Dak li l-Qorti jeħtieġ li tikkunsidra u tiddeċiedi dwaru għalhekk huwa jekk jirriżultax ippruvat fil-grad rikjest mil-liġi illi l-pussess tad-droga da parti tal-imputat kien wieħed aggravat ossia illi tali pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu. Jibda biex jingħad illi fil-fehma tal-Qorti, il-verżjoni tal-imputat m'hijiex kredibbli u dan

għal diversi raġunijiet. Fl-ewwel lok, il-Qorti ma temminx illi l-imputat sab din id-droga b'kumbinazzjoni waqt li kien qed jaqdi l-bżonnijiet tiegħu. L-imputat irid lill-Qorti temmen illi huwa sab, mhux qartas jew tnejn bil-kokaina, iżda addirittura sebat iqratas b'piż ta' kważi 35 grammi - ammont ta' droga dan li ċertament jiswa kemxa flus sew. Apparti illi m'huwiex verosimili illi wieħed isib id-droga f'dawk l-ammonti mal-art b'kumbinazzjoni, huwa wkoll tassew inverosimili illi min ma jagħmilx użu mid-droga u m'għandu assolutament l-ebda interess fiha – kif skont l-imputat kien il-każ tiegħu - jinduna mill-ewwel illi din il-borża tikkontjeni droga kokaina, jiġborha minnufih u jitfagħha fil-but, mingħajr l-ebda ħsieb u raġuni u fuq kollox, mingħajr ebda kunsiderazzjoni dwar possibiliment x'seta' jagħmel biha. Ironikament minkejja li l-imputat tant isostni illi kien l-istint tiegħu li bħal ġegħlu jiġbor din il-borża, li għamel dan mingħajr l-ebda ħsieb u li immedjatament bħal nesa dwarha għax kien moħħu fil-karru tal-karnival li kellhom joħorġu jumejn wara, ftit tal-ħin wara li skont hu ġabar din il-borża, meta lemaħ lill-pulizija, l-ewwel ħaġa li għamel kien illi żied fil-veloċita` u rema l-borża in kwistjoni. Għalhekk altru milli l-imputat ma tax każ tal-fatt illi fil-pussess tiegħu kellu d-droga, kif jipprova jagħti l-impressjoni fix-xhieda tiegħu.

Dak li jirriżulta minflok huwa illi l-imputat kien qed jiġri barra fil-pussess ta' sebat iqratas kontenenti kważi 35 gramma bis-sustanza kokaina, ammont dan li mhuwiex normalment assoċjat ma' użu personali ta' droga, liema qratas in oltre kellhom piż kważi identiku u kienu evidentement lesti sabiex jiġu spaċċjati. Da parti tiegħu, imbagħad, l-imputat insista fuq li nsista li huwa ma kienx jagħmel użu mid-droga, li jfisser għalhekk illi din id-droga ċertament li ma kinitx intiża għall-użu personali tiegħu.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza wkoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta' Settembru 1999 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Jason Mallia</u>** (Appell Nru. 130/1999), fejn dik il-Qorti spjegat l-elementi meħtieġa għar-reat ta' pussess aggravat tad-droga:

"*Qabel xejn ghandu jigi precisat li mhux korrett li wiehed jghid li biex jikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 irid ikun hemm provi li juru li l-pussessur kellu l-animus li jispacca d-droga. Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni mhix mehtiega ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati". <u>Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhix bi hsiebha tuza, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu</u>*

*esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma 'uzu' il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioe` li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga ossia jabbuza minnha billi jikkonsmaha. Ghalhekk, persuna li ma jkollhiex il-hsieb li tuza d-droga izda li zzomm dik id-droga ghandha minghajr raguni valida skond il-ligi biex eventwalment tara x'taghmel biha, ikollha mhux biss pussess ta' dik id-droga, izda dak il-pussess ma jkunx jista' jinghad li hu ghall-uzu esklussiv taghha".* [sottolinear ta' din il-Qorti]

Ma hemmx dubju għalhekk illi apparti ċ-ċirkostanzi li fihom instabet id-droga, in kwantu in oltre l-imputat stess xehed illi ma kellux il-ħsieb li jużaha, huwa ħati ta' pussess aggravat tal-istess droga.

## Kunsiderazzjonijiet dwar Piena

Illi għal fini ta' piena, min-naħa l-waħda, il-Qorti qegħda tqis il-fedina penali tal-imputat fiż-żmien tal-każ odjern, liema fedina penali mhijiex waħda allarmanti u tinkludi sejbien ta' ħtija dwar reat taħt il-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, serq aggravat u ħsara volontarja, liema reati jirrisalu għas-snin 2004 u 2006 rispettivament u dwar liema l-istess imputat ġie kkundannat għall-piena pekunjarja u ngħata liberazzjoni kundizzjonata.

Qieset ukoll in-natura tar-reat li tiegħu l-imputat qed jinstab ħati, kif ukoll l-ammont tad-droga in kwistjoni, li ma jistax jingħad illi kien wieħed insinjifikanti.

## Konklużjoni

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed issib lill-imputat **Adam Vella** ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għal piena ta' għaxar (10) xhur priġunerija effettiva u multa ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt ewro (€100), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

In oltre ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lill-ħati jħallas l-ispejjeż konnessi mal-esperti maħtura f'dawn il-proċeduri u ċioe` l-ispejjeż relatati mal-ħatra tax-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti għas-somma ta' mija, ħamsa u sittin ewro u għoxrin ċenteżmu (€165.20), liema somma għandha titħallas mill-ħati fi żmien xahar mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bħala Dok. GM 1, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess-verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat